**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 20 ta' April, 2016**

Numru 6

**Appell Nru. 1/2016**

**Josef Abdilla**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Abdilla tas-6 ta' Jannar 2016 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Dicembru 2015 li kkonfermat l-avviz ta' enforzar 266/12 'ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn bini ta' kamra ma' binja ezistenti kif ukoll bdil f'uzu ta' art xaghri/agrikola ghal post fejn gie depozitat materjal ta' kostruzzjoni u dan fuq art skedata skond avviz legali 358/98';

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Ikkunsidra
>
> Illi l-kwistjoni rigwardanti dan l-avviz u l-appell relattiv huwa finaliment kwistjoni ta' fatt. Mill-provi prodotti mill-Awtorita' kif ukoll waqt l-access deher car li sar xoghol fis-sit in kwistjoni li jmur ben olter l-ippristinar tal-kundizzjoni ta' dak li kien ezistenti u huwa xoghol li certament kien jirrikjedi permess tal-izvilupp.
>
> Huwa minnu li l-appellanti ppresenta affidavits minn min kien, allegatament, jaf kif kien il-post qabel ma nhareg l-avviz in mertu izda ezami akkurata tal-istess juri li dak li gie konfermat kien li il-kmamar kienu eretti. Dwar xoghol li seta sar fuqhom ma hemm ebda indikazzjoni. Li fuq is-sit kien hemm xi strutturi huwa pacifiku izda dak li wassal ghal dan l-Avviz kien l-estent ta' xoghol li sar fuq l-istrutturi u estensjonijiet li jidhru li sar.
>
> L-Avviz in mertu huwa ghalhekk konfermat u l-Appell odjern michud, b'dana illi l-avviz m'ghandux jibda jsehh qabel sittax-il gurnata mill-lum.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ma mmotivax sew ir-ragunijiet ghaliex kien qed jikkonferma l-avviz ta' enforzar u lanqas specifika kienx qed jigi konfermat l-enforzar fuq il-binja jew l-allegat bdil ta' uzu ta' art jew it-tnejn;

2. It-Tribunal skarta l-applikazzjoni u interpretazzjoni tal-artikolu 67(2) u 67(2)(a) tal-Kap. 504 dwar it-tifsira ta' 'zvilupp' u x'inhu ezentat kif kien qed jigi sottomess mill-appellant, tant li t-Tribunal lanqas biss ikkunsidrah. L-appellant ikkontenda li hu irripristina biss binja ezistenti gia fl-1967 u ghalhekk ma kienx hemm htiega ta' permess. It-Tribunal invece lanqas dahal fil-kwistjoni dwar liema xoghlijiet li allegatament saru, kienu jehtiegu permess.

**L-aggravji mehudin flimkien**

L-iskop ta' decizjoni ta' gudikant hu doppju, cioe li jaghti widen ghall-ilmenti, talbiet u argumenti tal-partijiet involuti fil-vertenza u jaghti risposta cara ghal dak mitlub fil-parametri ta' dak mitlub. Mhux mistenni li gudikant jindirizza kull argument jew

sottomissjoni li ssir, imma hu doveruz li gudikant jislet il-kwistjonijiet rilevanti ta' fatt u rilevanti legalment dependenti fuq dak mitlub u eccepit u wara li jixtara l-konsiderazzjonijiet fattwali u legali jiddeciedi skond il-ligi min mill-partijiet ghandu ragun.

Il-gustizzja titlob li l-gudikant jaghti sodisfazzjon lil partijiet involuti ghaliex talba jew difiza qed tigi milqugha jew michuda. Dan ma jfissirx li l-gudikant irid jikteb kotba jew trattati izda li min qed jigi msejjah ghal gudizzju jifhem ghaliex il-gudikat sar bil-mod kif sar. Dan jaghti mhux biss certezza lil gudikat izda wkoll bazi soda f'kazijiet fejn id-decizjoni mhix moghtija minn Qorti jew Tribunal tal-ahhar istanza biex Qorti ta' Appell jew Tribunal ta' Revizjoni jkunu jistghu jaslu ghal konkluzjoni jekk il-gudikat ghandux jintmess jew jigi konfermat. Il-Qorti jew Tribunal ta' Revizjoni ma ghandux jitpogga fil-pozizzjoni li jrid jinferixxi x'setghat kienet l-intenzjoni wara gudikat ta' prim' istanza li ma jkunx car fi kwistjonijiet ta' fatti rilevanti ghal kontestazzjoni u l-ligi applikabbli ghas-soluzzjoni tal-vertenza.

F'dan il-kaz partikolari din il-Qorti tista' fuq il-provi u sottomissjonijiet tal-partijiet tasal ghal konkluzjonijiet taghha pero l-mansjoni taghha mhix Qorti tal-prim'istanza izda wahda ta' revizjoni. Sfortunatament il-gudizzju hu niexef u nieqes minn kull deskrizzjoni anke qasira ta' fatti accertati u kif dawn il-fatti accertati u meqjusa bhala pruvati skond il-ligi, iwasslux ghas-sanzjoni imposta mill-Awtorita. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jaghtux ghajnuna lil din il-Qorti tiddeciedi l-gudikat hux wiehed validu fil-ligi o meno. In-nuqqas assolut tat-Tribunal li jippreciza u jindividwa liema huma l-allegati xoghlijiet, jekk kienx necessarju permess ta' zvilupp jew kienux biss xoghlijiet ta' manutenzjoni kif irid l-artikolu 67 tal-Kap. 504 bl-interpretazzjoni gusta tas-subartikolu rilevanti ma jistax jinghata certezza lil gudikat.

Din il-Qorti ma tqis li hu gust li tiddeciedi l-kwistjoni hi minghajr ma taghti l-opportunita ghad-doppio esame skond ir-rizultanzi tat-Tribunal. Ghalkemm il-Qorti hi skomda ghall-ahhar li ttawwal process flok tiddeciedih bl-iktar mod spedit, fl-interess tal-gustizja jinkombi fuqha l-oneru li tqis il-gudikat tat-Tribunal bhal priv minn kull motivazzjoni u bla risposta ghal arugment legali tal-appellant jekk ix-xoghol li l-

appellant ex admissis jikkoncedi li ghamel jaqax fil-parametri tal-eccezzjoni ghall-artikolu 67 tal-Kap. 504.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Josef Abdilla, u in linea ma' dak deciz, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Dicembru 2015, u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jisma' l-appell. Spejjez jibqghu bla taxxa

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur